It-Tlieta, 30 ta' Diċembru, 2008

Għażiża Noora,

Qed niktiblek minn ġol-vojt tal-mistħija tiegħi, il-vojt li jimtela bid-diskors tal-ħelikopters Apache u l-F-16.

Qed niktiblek minn ġol-vojt ta' moviment sparpaljat li ma jistax ilaħħaq mal-ġrajjiet u kull darba jipprova jintgħaġen mill-ġdid, minn ġo storja li titnejjek bina waqt li mingħalina qed niktbuha aħna. U hi kemm tirrepeti ruħha. Qed niktiblek minn ġo keyboard li mhux ilaħħaq mal-imwiet.

Noora, tiftakar meta ktibtli int fis-sajf tal-Libanu, fl-Għid ta' Ġenin, fil-Milied ta' Betlem? Kemm-il sajf, kemm-il għid u milied għaddew minn dakinhar, u aħna għadna hawn, qisna erbat irwieħ, fil-vojt ta' bejn Milied u sena ġdida li jalla ma tiġix?

Jien m'għandix tama fil-mexxejja tal-bnedmin, Noora, u m'għandix tama fil-bnedmin, u lanqas fija nnifsi. Għax wara l-milied jiġru bija l-ġrajjiet, u minkejja li ma nfassalx il-bumbardament tal-playing fields, u ma nimmirax bombi intelliġenti fuq sptarijiet bla mediċini, u ma nfittixx il-militanti u familthom bil-missili fil-blokkijiet tal-appartamenti; u minkejja li nemmen li kull persuna għandha dritt tiġġieled għad-drittijiet tagħha; minkejja dan kollu, issa daqt terġa' tibda l-iskola u rrid nerġa' nibda nikkoreġi l-għajn u l-hakka, u kif tlaħħaq ma' kollox, Noora?

Jiddispjaċini, naf li ddiżappuntajtek. Wara kollox jien Ewropew bħall-oħrajn kollha. Issa jiġu l-elezzjonijiet tagħna wkoll, u nitmasħan – forsi anki nikteb xi artiklu – u fl-aħħar, meta jasal il-jum, immur nivvota, biex l-Ewropa, u magħha Malta kburija, tkompli taħxi l-Palestina.

U meta fl-aħħar, fl-aħħarnett, it-tjubija infinita tal-Ewropa tidħol fil-vojt bejn iż-żewġ naħat biex tamministra l-loppju tal-paċi fuq il-katavri u l-mankamenti tal-Palestinjani, kun af li jien inkun qed nisbel ukoll fil-vojt li hemm ġo fija.

Għalhekk, nitolbok ma titfarraġx b'din l-ittra, għax nibża' li nerġa' nintefaħ bl-illużjoni li dan kliem importanti u li din, Triq ir-Repubblika, kapaċi teħodna lejn ordni ġdid, lejn dinja aktar ġusta.

Għax jien u niktiblek, taħt karozza quddiem id-dar fejn hemm Natalie Abu Shakra li rat is-sajf ta' Bejrut, u tbikkmet fil-Milied ta' Betlem u l-Għid ta' Ġenin, hemm silwett bl-irmied ta' żewġt ibniet ġejjin mill-iskola qabel ġiet il-bomba u għaddiet. U Madonna nibża' li minflok l-istorja tagħhom f'dik it-trejqa xi mkien ġo dak li fadal mill-ħabs ta' Gaża xi ħadd jinqeda b'din l-ittra vojta.

Adrian